**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Lulju 2020

Rikors Numru: 209/2007 AL

**A B**

**Vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fis-17 ta' Mejju 2007, li permezz tieghu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi l-esponenti u l-konvenut izzewgu fl-14 ta' Ottubru 1994 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, D u E, li ghandhom illum rispettivament tnax (12) u tmien (8) snin u kwindi t-tnejn ghadhom minorenni.

2. Illi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, swat, ingurji gravi u theddid kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' l-esponenti, iz-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment.

3. Illi rigward it-tfal tal-kontendenti, kienet dejjem l-esponenti esklussivament li hadet hsieb it-trobbija taghhom f'kull aspett u ghalhekk huwa fl-ahjar interess tal-minuri li dawn ikunu fdati fil-kura u kustodja tal-attrici.

4. Illi fir-rigward tal-manteniment u mezzi tal-partijiet, id-dhul li tipperecepixxi l-esponenti mhuwiex sufficjenti sabiex hija tmantni la lilha nnifisha u lanqas lit-tfal. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas manteniment lill-esponenti ghaliha u ghall-istess tfal minuri. Inoltre, tenut kont tal-karattru ta' zewgha, jista jkun opportun li l-manteniment jew parti minnu jigi kapitalizzat u mhallas f'somma globali.

5. Illi l-esponenti tixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnha u zewgha tigi terminata, xjolta u likwidata b'mod li jigi tenut kont skond il-ligi tal-htijiet kommessi mill-konvenut fil-konfront taghha, anke jekk ikun opportun, billi tigi stabbilita d-data ta' meta l-istess konvenut kien hati tal-firda.

6. Illi fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-komunjoni u tad-dar matrimonjali, li tifforma parti mill-assi tal-istess komunjoni, jigi rilevat li din tikkonsisti f'appartament li m'ghandux valur qawwi bizzejjed sabiex, wara li jitnaqqas is-self bankarju li fadal minhabba l-akkwist taghha u l-kreditu ta' tnax il-elf liri maltin (Lm12,000) moghtija b'self minn missier l-attrici, ir-rikavat nett mill-bejgh taghha jkun jippermetti lill-attrici sabiex ikollha residenza alternattiva ghaliha u ghal uliedha. Ghalhekk jista jkun opportun li kemm il-darba sehem il-konvenut minn dan l-appartament ma jigix assenjat lill-attrici, hija ghandha tigi akkordata d-dritt li tkompli tirrisjedi flimkien ma uliedha fl-istess fond

bl-esklusjoni tal-konvenut anke wara l-pronunzjament tas-separazzjoni taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jkun jidhrilha opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz.

7. Illi l-esponenti tixtieq ukoll li l-beni dotali/parafernali taghha jigu lilha restitwiti.

8. Illi l-esponenti giet awtorizzata tippromuovi din l-istanza permezz ta' Degriet Nru 310/07 (Dok A) u Degriet Nru 678/07 (Dok B) moghti minn din l-Onorabbli Qorti.

RAĠUNI TAT-TALBA

1. Peress illi l-esponenti u l-konvenut izzewgu fl-14 ta' Ottubru 1994 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, D u E, li ghandhom illum rispettivament tnax (12) u tmien (8) snin u kwindi t-tnejn ghadhom minorenni.

2. Peress illi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, swat, ingurji gravi u theddid kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' l-esponenti, iz-zwieg taghhom tkisser irremedjabilament.

3. Peress illi l-attrici thoss li hi ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja ta' uliedha minuri fl-ahjar interess tal-istess tfal.

4. Peress illi l-attrici hija ntitolata tircievi manteniment minghand il-konvenut ghaliha u ghaz-zewg tfal minuri.

5. Peress illi l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn l-attrici u l-konvenut ghandha tigi terminata, xjolta u likwidata b'mod li jigi tenut kont

skond il-ligi tal-htijiet kommessi mill-konvenut fil-konfront taghha, anke jekk ikun opportun, billi tigi stabbilita d-data ta' meta l-istess konvenut kien hati tal-firda, u billi jinghataw provvedimenti partikolari fir-rigward tal-fond matrimonjali.

6. Peress illi l-beni dotali/parafernali tal-attrici ghandhom jigu lilha restitwiti.

7. Peress illi l-attrici tinsab awtorizzata tippromuovi din l-istanza permezz ta' Degriet Nru 310/07 (Dok A) u Degriet Nru 678/07 (Dok B) moghti minn din l-Onorabbli Qorti.

TALBIET

Talbet li l-konvenut ighid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija mputabbli esklussivament lill-konvenut.

2. Tafda l-kura u kustodja legali taz-zewg ulied minuri tal-partijiet f'idejnl-attrici.

3. TikkundJ lill-konvenut sabiex ihallas lil attrici manteniment xieraq ghaliha u ghaz-zewg uliedha minuri fuq imsemmija bil-modalita ta' gurnata u lok li jigu wkoll ffissati.

4. Tiddikjara l-konvenut bhala li ddekada mid-drittjiet kontemplati fl-artikoli 48(1)(a), (b) u (d) tal-Kodici Civili.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-applikazzjoni tal-artikoli 48(1)(c) u 51 tal-Kodici Civili kontra l-konvenut; b'dan pero li fir-rigward tad-dar matrimonjali tal-partijiet, u cioe, Meridian Court, Flat 6, Triq Reggie Miller, Gzira, din ghandha tigi assenjata bhala residenza lill-attrici bl-esklusjoni tal-konvenut ai termini tal-artikolu 55A(1) tal-Kodici Civili; u inoltre tordna, bil poteri moghtija bl-artikolu 55A(3), l-applikazzjoni tal-artikolu 3A(2) tal-istess Kodici fil-konfront tal-kontendenti.

6. TikkundJ lill-attur sabiex jirritorna lil konvenuta l-beni partikolari u parafernali taghha, u fin-nuqqas, ihallasha dik is-somma li tigi likwidata bhala rappresentanti l-valur tal-istess beni.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li permezz taghha eċċepixxa :

1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali b'dana illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u apparti mill-fatt illi kien hemm inkompatibilita' ta' karattru bejn il-kontendenti kif ser jirrizulta waqt il-kors tal-kawza.

2. Illi t-tieni talba hija opposta billi l-imgieba tal-konvenuta hija tali illi ma tistax tigi affidata bil-kura u kustodja tat-tfal minuri D u E, ahwa B.

3. Illi t-tielet talba ghal-hlas tal-manteniment fil-konfront tal-attrici hija opposta peress illi hija ghandha introjtu u hija kapaci tahdem filwaqt illi t-talba ghall-hlas tal-manteniment fil-konfront tat-tfal mhijiex opposta b’dana illi l-ewwel jrid jigi determinat minn mill-partijiet ser jigi fdat bil-kura u kustodja tat-tfal minuri .

4. Illi r-raba’ talba hija opposta stante illi huwa qatt ma ta lok ghad-dekadenza mitluba, anzi kienet l-attrici, kif inghid, illi b’ ghemilha gabet it-tifrik tal-hajja mizzewwga.

5. Illi dwar il-hames talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mhijiex opposta, b’dana pero’ illi jigi kkonsidrat illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u li hija l-attrici stess li hija hatja tat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjoniji tal-Ligi citata mill-attrici kontra l-konvenut. Illi t-talba tal-attrici illi d-dar matrimonjali tigi assenjata lilha hija opposta u m’hemmx lok ghall-applikazzjoni tal-artikoli imsemmija mill-attrici fil-kontront tal-konvenut.

6. Illi s-sitt talba ma hijiex opposta b’dan pero’ illi jigi ppruvat liema huma l-oggetti parafernali tal-attrici u b'riserva fis-sens illi l-konvenut ma huwiex fil-pussess ta' kwalunkwe gid tal-attrici.

Jiddikjara u jikkonferma bil-gurament tieghu:-

1. Illi mhuwiex minnu dak allegat mill-attrici illi t-tifrik taz-zwieg kien ghal ragunijiet imputabbli lill-esponent. Illi jigi rilevat illi l-partijiet kienu zzewwgu wara biss tmien xhur eghrusija u din id-decizjoni ta’ zwieg kienet ipprecipitata bil-fatt illi l-attrici kienet inqabdet tqila bl-ewwel wild taghhom. Il-partijiet hassew illi ma’ kienx hemm triq ohra ghajr illi jizzewwgu;

2. Illi l-problemi bejn il-partijiet bdew immedjatament wara z-zwieg, sahansitra anke mill-‘honeymoon’ taghhom kienu iggieldu l-aktar minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru u anke bhala rizultat tat-temperament irrazzjonali, impulsiv, nervuz u eccessiv tal-attrici. Illi l-attrici kienet taqbad argumenti mix-xejn specjalment fil-presenza tat-tfal minuri;
3. Illi waqt iz-zwieg, l-esponent dejjem ipprova jzomm il-kalma sabiex jsalva iz-zwieg pero’ meta rrealizza illi l-problemi matrimonjali bdew aktar ma’ jghaddi z-zmien aktar jaggravaw u martu kienet mhux biss tagixxi hazin fil-konfront tieghu izda ukoll fil-konfront tat-tfal u bl-ebda mod ma’ ikkoperat fis-sezzjonijiet tal-councilling hemmhekk huwa beda jhoss illi ma’ kienx fadal tama li xi darba z-zwieg tieghu jsalva;
4. Illi mhuwiex minnu dak allegat mill-attrici illi hija kienet dejjem hadet hsieb esklussivament fit-trobbija tat-tfal izda l-esponent kien dejjem jaghmel minn kollox sabiex jippartecipa fit-trobbija taghhom barra mill-hinijiet tax-xoghol tieghu u dan kif jista’ jigi kkonfermat mit-tfal stess.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li giet kkonfermata bil-ġurament tieghu li permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fil-Kappella ta’ Lapsi, gewwa San Giljan fl-14 ta’ Ottubru 1994 u minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal D u E, ahwa B li twieldu fid-9 ta’ April 1995 u 30 ta’ Ottubru 1998 rispettivament;

2. Illi l-esponent jirrileva illi l-partijiet izzewwgu wara biss tmien xhur eghrusija u dan peress illi l-attrici inqqabdet tqila u l-esponent hass illi ma’ kellhom ebda triq ohra ghajr illi jizzewwgu u dan nonostante l-fatt illi bil-kemm kienu jafu lill-xulxien ;

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-attrici;

4. Illi l-esponent jhoss illi l-problemi fiz-zwieg taghhom gie ikkawzat principalment minhabba nuqqas ta' preparazzjoni ghaz-zwieg u inkompatibilita' ta' karattru apparti mill-fatt illi l-attrici ghandha karattru difficli hafna, inkluz atteggjament biered, impulsiv u nervuz fil-konfront tal-esponent u uliedhom .

5. Illi l-esponent jirrileva illi l-attrici qeghda taghmel minn kollox sabiex tbieghed lit-tfal minuri minnu u dan minhabba l-problemi matrimonjali ta' bejniethom, liema agir huwa certament intollerabbli.

6. Illi l-esponent gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digrieti numri 310/07 u 678/07 moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Talab li l-attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) tiddikjara u tippropunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici minhabba adulterju, servizzi, eccessi, minacci u inguriji gravi kommessi mill-attrici kontra zewgha;

2) tawtorizza lill-konvenut illi jghix separat mill-attrici martu;

3) tafda lill-konvenut bil-kura u kustodja tat-tfal minuri D u E, ahwa B bid-dritt ta’ access lill-attrici skond il-granet u hinijiet li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

4) tikkundJ lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-attrici u l-bzonnijiet tal-konvenut, pagabbli mill-attrici lill-istess konvenut ghall-bzonnijiet tieghu u ta’ uliedu minuri, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-attrici sabiex thallas lill-konvenut, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-konvenut jkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-attrici.

5) tapplika kontra l-attrici interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

6) tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u kull kommunjoni ta’ propjeta’ ezistenti bejn il-kontendenti, u tordna li l-oggetti mobbli u immobbli hekk appartenti kommunament lill-kontendenti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti in vista, ‘inter alia’, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jirciev i l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7) tikkundJ lill-attrici tikkonsenja lill-konvenut l-beni kollha partikolari ossija parafernali tieghu illi jinsabu fil-pussess taghha jew altrimenti huma goduti minnha.

8) tawtorizza lill-konvenut illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 188/07JVA kontra l-attrici illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.Talab li l-attrici rikonvenzjonata tgħid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat ir-risposta tal-attrici għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li permezz tagħha eccepiet :

ECCEZZJONIJIET

Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment, dan gara kagun ta' tortijiet imputabbli unikament lil konvenut kif gja gie premess u dedott fir-rikors guramentat odjern promoss mill-esponenti.

Illi konsegwentement b'riferenza ghat–talbiet dedotti fil-kontro-talba tal-konvenut:

(a) L-ewwel talba hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

(b) It-tieni talba, fi kwalunkwe kaz, hija superfluwa gjaladarba, skond l-artikolu 35(1) tal-Kodici Civili, l-awtorizzazzjoni mitluba hija l-konsegwenza stipulata 'ex lege'.

(c) It-tielet talba ghandha tigi michuda stante li mhux biss huwa fl-interess tal-minuri li dawn jigu fdati fil-kura u kustodja legali tal-esponenti izda talli l-konvenut, fi kwalunkwe kaz, la hu kapaci u lanqas hu idoneu li jiehu hsieb it-tfal minuri kif ser jirrisulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

(d) Kwantu ghar-raba talba, ghar-rigward il-pretensjoni ghal hlas ta' manteniment ghall-bzonnijiet tal-konvenut innifsu din hija mhux biss infondata u insostenibbli izda sahansitra irrisorja; mentri ghar-rigward it-talba ghal hlas ta' manteniment lil konvenut minhabba t-tfal minuri din ghandha tigi michuda sija ghaliex it-tfal ghandhom ikunu fdati fil-kura u kustodja tal-attrici u sija ghaliex, sussidjarjament u fi kwalunkwe kaz, il-mezzi finanzjarji tal-attrici huma ezigwi filwaqt li dawk tal-konvenut huma bizzejjed sabiex ma jkunx intitolat li jesigi manteniment ghal dan l-iskop minghand l-attrici.

(e) Il-hames talba hija bla fondament tenut kont tar-responsabbilta tal-konvenut ghat-tkissir taz-zwieg.

(f) Kwantu ghas-sitt talba, l-eccipjenti ssostni li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata kif mitlub minnha fir-rikors guramentat taghha.

(g) Kwantu ghas-seba talba, l-eccipjenti la taf u lanqas ghandha xi beni parafernali tal-konvenut.

(h) L-eccipjenti ma tista tifhem b'ebda utilita ghalfejn kellha tintalab it-tmien talba

DIKJARAZZJONI

L-attrici tikkonferma bil-gurament dawn il-fatti li tafhom di scienza propria:

1 Illi huwa l-istess konvenut li kisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, swat, theddid u ngurji gravi kommessi minnu fil-konfront tal-esponenti.

2 Illi ghalkemm huwa minnu li l-esponenti kienet tqila mill-konvenut meta zzewwgu, hi zzewwgitu ghaliex kienet thobbu u jekk il-konvenut izzewwigha minhabba l-fatt biss ghaliex hassu kostrett ghaliex hi kienet gravida, din wahidha tikkostitwixxi ngurja gravi dapparti tieghu fil-konfront tal-esponenti.

3 Illi mhuwiex minnu li l-esponenti rrendiet ruhha hatja lejn il-konvenut ta' dak imputat lilha fit-tielet paragrafu tal-kontro-talba; anzi kien il-konvenut stess li biz-zmien ghamel il-hajja tal-esponenti insopportabbli, anke fost affarijiet ohra b'atti ta' vjolenza lejn martu u t-tifel il-kbir taghhom D, u fl-ahhar spicca biex qabad relazzjoni ma mara ohra – relazzjoni li ghada ghaddejja sallum stess. Dan l-ahhar fatt jista jigi anke konfermat mill-Perit Psikologa Carmen Sammut, li giet nominata xahar ilu minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrelata fuq l-istat psikologiku tat-tfal minuri tal-partijiet, li fir-rapport taghha tghid testwalment fl-ahhar faccata :"Punt iehor importanti li nixtieq nemfasizza huwa li

s-sitwazzjoni tal-familja hija ga difficli kif inhi ghat-tfal biex jghejxuha; kuntatt ma terzi persuni (bhal persuna li s-sinjur B rrefera hu stess ghaliha li beda relazzjoni maghha) jista jaghmel is-sitwazzjoni iktar difficli ghat-tfal" (sottolinjar tal-esponenti). Dwar is-swat minn naha tal-konvenut, hemm mhux biss rapporti lil pulizija izda anke ritratti.

4 Illi ma hu minnu xejn li l-attrici qeghda b'xi mod tipprova tbieghed lit-tfal mill-konvenut. Hija kienet talbet u otteniet ghal certu zmien minghand din il-Qorti supervised access mill agenzija Appogg minhabba l-attitudini vjolenta tal-konvenut fil-konfront tat-tifel il-kbir D li jbati minn "Attention Deficit Hyperactivity Disorder", liema access supervizjonat kellu jispicca peress li, wara certu zmien, il-hinijiet ta' access gew mizjuda u l-Agenzija Appogg ma setghetx tkompli taghmel supervizjoni fil-hinijiet kif gew mizjuda. Jigi rilevat pero li, kif l-istess tfal stqarrew mal-esponenti, anke waqt is-supervised access il-konvenut kien imur kontra dak li kienet twissih ir-rappresentanti tal-Appogg billi joqghod il-hin kollu jistaqsi lit-tfal dwar x'kienet qed taghmel l-attrici minnflok iqatta z-zmien biex jistabilixxi rapport tajjeb maghhom.

5 Illi ghalhekk it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Diċembru 2007 li permezz tiegħu ħatret lil Dr. Veronica Galea Debono bħala Perit Legali f' din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu rrevokat il-ħatra tal-Perit Legali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, fejn fir-rikors promotur intalbet is-separazzjoni personali, l-intimat intalab iħallas manteniment adegwat għar-rikorrenti u għall-ulied minuri, il-Qorti intalbet tapplika kontra l-intimat d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll intalbet ixxolji tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha billi taqsamha f'żewġ porzjonijiet. Intalab ukoll sabiex l-intimat jikkonsenja l-oġġetti parafernali. Saret kontro-talba da parti tal-intimat, fejn talab s-separazzjoni personali, b'tort unikament imputabbli lir-rikorrenti, il-Qorti ntalbet takkorda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom, ġie mitlub li r-rikorrenti thallas manteniment ghalih u għal uliedu, kif ukoll hemm talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u talba għad-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili kontra r-rikorrenti, u sabiex ir-rikorrenti tikkonsenja l-beni parafarnali kollha tiegħu.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti: Il-partijiet iżżewġu fl-14 ta' Ottubru 1994. Jirriżulta li twieldu żewġt itfal minn dan iż-żwieġ, D li twieled fid-9 ta' April 1995 u E li twieled fit-30 ta' Ottubru 1998. Jirriżulta wkoll li l-

partijiet ma baqgħux igħixu flimkien peress li l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti ma baqgħetx aktar possibbli, u l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx għal ftehim bonarju, kif jirriżulta minn Dok A u Dok B esebiti mar-rikors promotur.

Provi:

Illi r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit u qalet li wara sitt xhur li kien ilha taf lill-intimat kienet inqabdet tqila, u l-partijiet iżżewġu meta kellha tlett xhur tqala. L-intimat kien qalilha li mhux ser imantniha peress li hi kienet taħdem u fil-bidu kienu qagħdu f'appartament tal-familja tiegħu, sussegwentement minħabba tqala diffiċli, kienu marru joqgħodu mal-ġenituri tagħha, li żammewhom għal sitt xhur, mbagħad f'Ġunju 1995 marru igħixu fl-appartament li xtraw Flat 6, Meridian court, Reggie Miller street Gżira. Kienu ħadu self mingħand il-Lohombus iżda missierha kien sellifha LM13,000 biex jixtru l-appartament. Kompliet tixhed li żewġha qatt ma ħallas la għall-viżti ġinekoloġiċi u lanqas għall-spejjeż mediċi meta twieled D, peress li t-tifel kellu difett mediku, kienet waqfet taħdem u żewġha kien jagħtiha LM150 fix-xahar li bilkemm kienu biżżejjed għall-mediċini aħseb u ara għall-ispejjeż kollha meħtieġa. Sussegwentement, kienet bdiet izzomm l-istudenti d-dar biex iżżid l-introjtu tagħha. Hija xehdet li wara li twieled E u kien djanjostikat bl-asthma, kien ikollha tmur għal ħafna visti mediċi u żewġha qatt ma għena jew taha support dwar dan. It-tifel il-kbir D kien djanjostikat b'Attention Deficit Hyperactivity Disorder. Peress li minħabba din il-kundizzjoni, D ma kienx jobdi f'diversi okkażjonijiet missieru kien isawtu, jagħtih bil-ħarta u biċ-ċinturin, u għalkemm imwiddeb biex ma jibqax jagħmel hekk lil ibnu xorta baqa' jaġixxi b'dak il-mod vjolenti. Xehdet ukoll li żewġha kien abbużiv kemm fiżikament u emozzjonalment magħha wkoll u kien jghajjarha b' ħafna kliem dispreġġjativ quddiem it-tfal. L-agħar inċident kien f'Settembru 2003 meta kien qabad jagħtiha b'lasta ta' xkupa, u kienet għamlitlu rapport lill-Pulizija Dok RT1, u ċertifikat mediku Dok LGX4, hija ma kienitx ħadet azzjoni kontrih biex issalva ż-żwieġ, iżda f'Marzu 2006 żewġha qalilha li ried jissepara. Xehdet li hu kien qalilha li kien żżewwiġha biss minħabba li kienet tqila bit-tifel biex it-tifel ma jkunx bla missier. Żiedet tgħid li sadanittant skopriet li kellu relazzjoni adultera ma' P Q, liema relazzjoni għadha għaddejja sal-lum, u fil-frattemp bdew il-proċess ta' medjazzjoni

b'ħafna tilwim, kienet tħallih jara lit-tfal iżda meta kien iġibhom lura, kien ikun hemm ħafna tgħajjir mit-tfal stess li kienu jobżqulha. Sussegwentement, xehdet li l-affarijiet baqgħu sejrin għal-agħar, meta f'April 2007 kien hemm inċidenti ta' tilwim, l-intimat kien tefa' bott żebgħa għal rasha u ma laqathiex, hi kienet għamlet rapport lill-Pulizija Dok RT4, , il-Pulizija ħadu passi kontrih u ġie liberat b'dan illi ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar, Dok LGX5. Żiedet tgħid li hija kienet ingħatat parir li tfittex l-għajnuna fid-Domestic Violence Unit tal-Appogg, u kienet qagħdet ftit żmien għand oħtha sakemm hi u t-tfal daħlu fix-xelter fl-10 ta' Mejju 2007. Sussegwentement, żewġha applika biex ikollu aċċess b'superviżjoni u dan seħħ fit-13 ta' Ġunju 2007, u konsegwentement, hi għamlet rikors u ngħata digriet mill-Qorti datat 13 ta' Ġunju 2007, Dok LGX6, fejn l-intimat ġie ordnat jitlaq mid-dar matrimonjali, u f'JJr 2008, kien ġie ordnat iħallas manteniment għall-ulied fis-somma ta' Ewro 200 u Ewro 140 għaliha. Żiedet tgħid li hi kienet tieħu ħsieb tħallas ħafna mill-ispejjeż tat-tfal, u C ma kienx iħallas dawn l-ispejjeż u għalkemm hu jpinġi ruħu bħala missier eżemplari, dan mhux il-każ u hu dejjem kien konfrontali u aggressiv.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-unika immobiljari, l-fond matrimonjali, il-partijiet kien ħadu self biex jixtruh fis-somma ta' LM10,000 u r-rikorrenti sselfet LM12,000 ekwivalenti għal Ewro 27952 mingħand missierha. Dwar vetturi r-rikorrenti xehdet li kien hemm żewġ vetturi reġistrati f'isem żewġha, Toyota Corolla BBP 802, u Fiat Tempra HAT 402, hi kellha vettura f'isimha Fiat Punto li biegħitha għall-iscrap għal Ewro 700.

Hemm ukoll depożiti bankarji f' isimha u f' isem żewġha.

Ir-rikorrenti ppreżentat ukoll Dok LGX14, inventarju tal-affarijiet kollha li nxtraw qabel iż-żwieġ u dawk l-oħrajn li nxtraw waqt iż-żwieġ. Hija xehdet li għandha term deposit Account ta' flejjes li kienet wirtet mingħand zijitha qabel iż-żwieġ u għalhekk huma parafernali tagħha.

Ir-rikorrenti xehdet ukoll li għamlet xahrejn u nofs f'Dar Merħba Bik bit-tfal, dan kien f'Ġunju 2007. Qalet li kienet taħdem ma' Attard &Co sas-1p.m. ta' wara nofsinhar, u wara li bdiet is-separazzjoni, kull ma kellha bħala introjtu kienu l-istudenti li kienet iżżomm fid-dar. Xehdet li mal-ispejjeż kollha kienet qed tħallas ukoll nofs il-Bank loan għad-dar matrimonjali. Rigward Pier Paolo Tegrini xehdet li hu ma kienx joqgħod magħha iżda f' fond ieħor f'Nazju Ellul street Sliema. Mistoqsija dwar wieħed mir-rapporti

tal-Pulizija li saru, li fil-fatt kien sar minn Pier Paolo Tegrini stess, fejn kien irraporta li D kien qed isawwat lil ommu, mistoqsija, kienx qed joqgħod magħha fid-dar matrimonjali f'dak il-perjodu, qalet li iva iżda għal xi ħames xhur biss sakemm lesta l-appartament tiegħu.

Illi xehdet F G H permezz ta' affidavit u qalet li hi tiġi omm ir-rikorrenti. Ikkonfermat li wara ftit xhur minn meta' bintha kienet toħroġ ma' C, ħarġet tqila u ddeċidew li jiżżewġu, hi u żewġha kienu sellfuhom l-ammont ta' madwar Lm13,000 għall-fond li bintha u C kienu xtraw f'Meridien Court, Triq Reggie Miller street Gżira. Dwar l-inkwiet bejn bintha u żewġha, saret taf bih fis-sena 2006, meta bintha għarrfitha li wara li segwiet lil C kienet qabditu imur għal mara oħra u joħroġ magħha. Xehdet li bintha kienet tilmenta li C ma jħallasx kontijiet għad-dar, għalhekk kien ikollha tħallas ħafna spejjeż hi, u qalet li kien għamillha tbenġila f'sieqha u anke tefgħalha bott spray waqt tilwima.

Illi xehed I G H permezz ta' affidavit u qal li hu jiġi missier ir-rikorrenti, u li fil-bidu taż-żwieġ tagħhom bintu u C għamlu xhur igħixu flimkien miegħu u hu kien sellifhom LM13,000 ekwivalenti għal Ewro30281 għall-fond li kienu ser jakkwistaw, u qatt ma ha xejn lura minn dan is-self.

Illi Melissa Xuereb in rappreżentanza tal-Aġenzija Appoġġ, xehdet dwar meta intervistat it-tfal għaxar snin ilu, u qalet li t-tnejn riedu aċċess kemm mal-omm u kif ukoll mal-missier.

Illi Joseph Antoncich social worker mal-Aġenzija Appoġġ xehed u qal li kellhom żewġ rapporti, u meta' daħlu fil-kwistjoni saru jafu li li kien hemm ħafna tilwim id-dar bejn il-ġenituri u li t-tfal kienu qed jiġu effetwati b'dan.

Illi WPS 215 Valerie Farrugia xehdet li kienet kellmet lill-partijiet wara li kien sar rapport, it-tifel D kien ikkonferma li ommu sawwtitu. Ir-rikorrenti,

l-omm kienet ikkonfermat li t-tifel, minħabba l-kundizzjoni tiegħu, xi drabi kien isir aggressiv. Hi ppreżentat ir-rapport Dok VF1 u Dok VF2.

Illi xehed PS 11 Daniel Zammit u esebixxa Dok DZ1 u Dok DZ2, żewġ rapporti li kienu saru lill-pulizija.

Illi xehdet WPC 186 Dorianne Tabone u kkonfermat li kien ġie t-tifel l-Għassa Tal-Pulizija u qal li ommu u l-boyfriend tagħha sawwtuh.

Illi xehed PC 1592 Daniel Busuttil u qal li f'Lulju 2011 kien kellem lill-partijiet, it-tifel D kien mar l-għassa u qal li kellu tilwima mal-omm u li kienet tefgħetlu l-affarijiet, sussegwentement tkellmu mal-omm, li qalet li dan kien jiġri ta' spiss wara li t-tifel jiġi mingħand il-missier, u kien ġie l-Għassa wkoll L Paolo Tigrini, l-boyfriend ta' ommu li qalilhom li kien hemm tilwima għaddejja bejn A l-omm u D, t-tifel, u D beda jitfa l-affarijiet mal-ħajt.

Illi xehdet Charmaine Agius Ferrante, Teaching Support Consultant fil-Kulleġġ Stella Maris, u ikkonfermat li D jbagħti minn Attention Deficit and Hyperactivity Disorder, kif iċċertifikaw ir-rapporti psikoloġiċi, xehdet li ommu dejjem attendiet għal-laqgħat tal-iskola, u xi drabi attenda missieru wkoll. Xehdet li D kien tennilha li kien qed ikollu problemi ma' kulħadd u li kien ikun aħjar joqgħod waħdu, peress li ommu u misseru dejjem jiġġieldu.

Illi xehdet J K, oħt ir-rikorrenti permezz ta' affidavit u qalet li meta oħtha kellha relazzjoni ma' C u ħarġet tqila, C ma kienx imġiegħel jiżżewweġ minħabba f' hekk u li kienet hi stess li tkellmet miegħu u qaltlu li jistgħu jiżżewġu wara, iżda hu kien qal li lest li jiżżewġu. Waqt it-tqala diffiċli oħtha u C kienu marru joqgħodu għand il-ġenituri tagħha, u wara t-twelid ta' D u ta' E, oħtha kellha anke tibda żżomm l-istudenti d-dar biex tlaħħaq mal-ispejjeż mediċi tat-tfal u tal-ħtiġijiet ta' kuljum u dan peress li C ma kienx iħallas għal dawn l-ispejjeż. Meta beda jgħaddi ż-żmien l-intimat beda jkun

biered, jittratta lil oħtha bħala persuna inferjuri u jgħajjarha. Is-sitwazzjoni marret aktar għal-agħar, u kien hemm inċident li ħalla lil oħtha bi tbenġila kerha peress li l-intimat kien taha daqqa ta' xkupa, u oħtha kienet għamlet rapport lill-Pulizija dwar dan iżda ma pproċedietx kontrih biex tipprova ssalva ż-żwieġ. Żiedet tixhed li fl-2006 C kien ċempillha u hi ltaqgħet miegħu u kien qalilha li kien iżżewweġ lil oħtha biss għax kienet ħarġet tqila u li kien ċert li ried jissepara, anke wara terapija tal-koppji ġewwa l-Appoġġ. Oħtha kienet saret taf li hu kien qed jiltaqa' ma mara oħra, ċerta P Q.

Illi L G H, ħu r-rikorrenti xehed u qal li wara ż-żwieġ C kien biddel diversi xogħolijiet u anke spiċċa bla xogħol u hu kien offrielu jibda jaħdem ma' Attard & Co iżda l-intimat kien għażżien, u żammewh prinċipalment peress li kien ir-raġel ta' oħtu biex ma joħolqulhomx problemi fiż-żwieġ. Xehed ukoll li C ma kienx jagħti għajnuna finanzjarja lill-familja, ma kienx kapaċi jżomm ix-xogħol għal tul ta' żmien u kien abbużiv. Semma li f'każ minnhom kien sawwat lil oħtu bi xkupa u kkawżalha tbenġila f'koxxitha, u oħtu kienet għamlet rapport lill-pulizija dwar dan, u hu kien wissieh fuq il-post tax-xogħol biex dan ma jerġax iseħħ.

In kontro-eżami xehed illi meta C kien ilu ma jaħdimx għal xi żmien kien offrielu xogħol mal-kumpanija tal-familja tiegħu Attard &Co, u beda jaħdem bħala store manager, qatt ma tah warnings bil-miktub iżda tah warnings verbali. Xehed li kien qata' qalbu minnu għax C kien jagħmel ta' rasu, u hu ma keċċiehx għax C kien irriżenja. Dwar P Q xehed li hi kienet taħdem faċċata tagħhom, u C kien jltaqa' magħha meta kien għadu jaħdem magħhom, u kien anke sab żewġ files b'xi costings tax-xogħol tagħha.

Illi xehdet M G H, mart L G H permezz ta' affidavit u qalet li fl-ewwel sena taż-żwieġ tiegħu, C kien biddel xi erba' xogħolijiet, meta twieldu t-tfal dawn kellhom bżonn kuri mediċi varji. Meta ltaqgħet miegħu, ddeskriviet lil C bħala persuna kemxejn għażżien, ma jinvolvix ruħu fil-ħajja ta' wliedu u jmaqdar lil martu. Żiedet tgħid li l-uniku xogħol li l-intimat kien żamm għal

tul ta' żmien kien meta kien jaħdem ma' żewġha ma' Attard &Co u dan għaliex żewġha kien ssaportih għal tul ta' żmien b'rispett lejn oħtu. Xehdet li kien hemm inċident f'Settembru tal-2003, fejn C kien sawwat bl-ixkupa lil martu, sussegwentement kienu marru għal-terapija tal-koppja fi ħdan l-Appoġġ, iżda f'Marzu 2006 C kien wera li ried jissepara. Fl-2007, l-aggressjoni fid-dar bdiet tiskala sakemm A, ir-rikorrenti, kellha tirrikorri għal Dar Merħba Bik u sussegwentement kienet għamlet rikors biex jitlaq mid-dar.

Illi in kontro-eżami xehdet li hi ġiet Malta fl-1995 u kienet iżżewġet lil L G H fl-1997.

Illi N G H xehdet permezz ta' affidavit u qalet li matul iż-żwieġ C biddel ħafna xogħolijiet sakemm ħuha L kien daħħlu jaħdem fil-kumpanija tal-familja Attard &Co. Xehdet li f'okkażjoni minnhom oħtha kienet ċemplitilha tibki u qaltilha li żewġha kien refa' idejh fuqha u hi kienet marret biex tikkalma s-sitwazzjoni. Xehdet ukoll dwar ir-rapporti li kien għamel D mal-Pulizija u qalet li kien ikun imġieghel minn missieru biex jagħmel dawn ir-rapporti kontra ommu.

Illi xehdet ulterjorment J K, oħt ir-rikorrenti u qalet li fl-2011, kienet ħarġet lil D u qaltlu li tifhem li kien qed iħossu ħażin u biex ikellimha u igħidilha x'irid. Xehdet li D kien qalilha li missieru kien igħidlu li jekk ma igħidx li għandu igħid, kien se jtellef lil missieru Ewro 200. Żiedet tixhed li D qal li kien mar jagħmel rapporti l-Għassa tal-Pulizija għaliex missieru kien qallu biex jagħmel dan.

Illi xehed Dr. Joseph Saliba u qal li D, iben il-partijiet kien ġie referut lilu mic-Child Guidance Clinic f'Settembru 2010, fejn anke bdew jarawh fl-Adult outpatients, it-tifel kien maqbud sew bejn it-tilwim tal-ġenituri. L-omm f'dak il-perjodu ma bdietx tikkontrolla lit-tifel tant li kienu ser idaħluh l-isptar f'Young People's Unit f'Mount Carmel Hospital, b'hekk kien hu li qal lill-intimat jieħu lit-tifel biex jipprova jikkontrallah ladarba kien hu li oppona

li t-tifel jirċievi t-terapija. Ikkonferma li l-omm kienet emozzjonalment eżasperata.

Illi C B xehed u qal li r-rikorrenti kienet titlef il-kontroll tat-tifel D u għalhekk it-tifel kien jispiċċa jmur għandu u l-omm kienet theddu li jekk mhux ser iżomm it-tifel kienet ser tieħdu f' Monte Karmeli għall-kura kif issuġġerixxa t-tabib Saliba. Ikkonferma li sussegwentement kien kellmu Dr. Saliba sabiex it-tifel joqgħod miegħu peress li ma kienx hemm aktar kontroll da parti tal-omm. Ikkonferma li fil-bidu tas-separazzjoni martu u t-tfal spiċċaw f'Dar Merhba Bik u qal li dak kien sabiex ħarġitu mid-dar mill-fond fejn kienu joqgħodu u mbagħad reġgħet marret id-dar mat-tfal. Qal li fil-perjodu li kien qed jixhed f'Diċembru 2011, hu kien bla xogħol. Mistoqsi jekk kienx qal lil D li kien ikun għajb għalih jekk jagħmlu r-rikors għall-kura u kustodja u ma jagħmilx dak li igħidlu, xehed li infurmah biss li r-rikors li kien ser jagħmel kien jiswa Ewro200-300, u li kien ħa jissallab biex jagħmel dan, allura saqsieh kienx ċert qabel ipproċeda bir-rikors.

Illi meta xehed ulterjorment qal li meta kellu sbatax-il sena E kien ilu igħix miegħu għal ħames snin għax ommu kienet keċċietu mid-dar, u E għandu kuntatt telefoniku ma' ommu. Rigward D, xehed li fi Frar 2016, D kien għadu qed igħix ma' ommu sakemm irċieva telefonata mill-Pulizija li ommu kienet ghamlet rapport fis-sens li D kien sawwataha, u l-Pulziija kienu qalulu biex imur għalih, u D baqa' wkoll igħix miegħu minn dakinhar.

Illi xehed O B permezz ta' affidavit u qal li l-intimat ħuh kien inkwetat meta A kienet ħarġet tqila u familtu kienu tal-opinjoni li ma jiżżewġux. Xehed li ftit snin qabel isseparaw, ir-relazzjoni taghħhom kienet ħżienet ħafna, u għalhekk hu u L G H ippruvaw igħinuhom ftit u ssuġġerew li jmorru għand xi counsellors. Xehed li meta A daħlet fix-xelter, ħuh ġie sfurzat joħroġ mid-dar matrimonjali u kien irriżenja minn Attard &Co.

Illi xehed D B u qal li meta kienu għadhom id-dar igħixu ma' ommhom u kienu iżgħar ommhom kienet traqqadhom kmieni biex ma jarawx lil missierhom u meta kien hemm Pier Paolo joqgħod magħhom fid-dar hu ma kinitx għoġbitu l-idea li kien hemm dan igħix mid-dar minflok

missierhom, ommhom kienet tgħid li  jekk jitlaq hu, titlaq miegħu u tħallihom weħedhom. Xehed ukoll li kienu marru għal xi xhur fix-xelter tal-Għabex flimkien ma' ommhom, u dak iż-żmien ommhom ma kintix tħallihom jaraw lil missierhom. Qal li ommu kienet trid tagħtih il-kura biex jikkalma u hu kien jirrifjuta.

Illi Joseph Borg Cardona in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Malta plc xehed u ppreżenta Dok JBC1, current account f'isem l-intimat li ngħalaq, Savings account f'isem l-intimat li ngħalaq, Dok JBC2,  Joint account konġunt ma' A B bin numru  14906643010, kif jidher minn Dok JBC3 u Savings account li ngħalaq Dok JBC4.

Illi Audrey Ghigo in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc xehdet u esebiet Dok AG1 kont kurrenti f'isem l-intimat, Dok AG2 visa card account f'isem l-intimat b'debitu ta' Ewro631.29, Dok AG3, loan account f'isem  il-partijiet li ngħalaq fl-20 ta'  JJr 2003.Esebiet Dok AG4, loan account f'isem il-partijiet li  ngħalaq, Dok AG5 loan account f'isem iż-żewġ partijiet bin-numru027060300300, li sal-10 ta' April 2008, kien hemm debitu għadu jeżisti  ta' Ewro 3770.15. Esebiet ukoll Dok AG6 home loan  numru 16058496 f'isem iż-żewġ partijiet, u xehdet illi sad-9 ta' Mejju  2008, kien hemm l-ammont  ta' Ewro11,416.85 li kien għad baqagħlu jitħallas. Qalet illi l-pagamenti jidhru li kienu qed isiru mill-kont kurrenti tal-konvenut Dok AG1.

Xehdet ukoll li d-depożiti li qed isiru fil-Visa account card Dok AG2 minn Frar 2008 qegħdin isiru permezz ta' account transfers minn Dok AG1. Ikkonfermat li l-ħlasijiet tal-kontjiet Dok AG3 u Dok AG4 kienu qed isiru mill-kont Dok  AG1.

Dwar Dok AG5 ippreċiżat li dan is-self ittieħed biex tinxtara vettura u qalet illi f'isem ir-rikorrenti weħedha ma sabitx kontijiet. Hemm biss dawk konġunti. Esebiet ukoll kopja ta' ċekk images li jidhru  mmarkati f'Dok AG1.

Illi Sonia Camilleri co-ordinator mal-Aġenzija Appoġġ xehdet u qalet li f'Mejju 2007, meta kienet kelmitha l-ewwel darba r-rikorrenti, kienet social worker. Spjegat li r-rikorrenti kienet ilmentat li żewġha qed jinkiha bil-girlfriend li għandu u li taha daqqa ta' xkupa u għalhekk, hija kienet irreferietha għax-xelter. Sussegwentement, kienet ċemplitilha oħt ir-rikorrenti u infurmatha li oħtha u t-tfal kienu qegħdin għandha fi spazju limitat u għalhekk hija kienet għamlet l-arranġamenti sabiex ir-rikorrenti u uliedha jidħlu fix-xelter. Meta kienet marret iżżur lir-rikorrenti fix-xelter, din kienet qaltilha b'żewġ okkażjonijiet oħra fejn l-intimat kien jitfagħalha l-affarijiet. Mix-xelter partikolari fejn kienet ir-rikorrenti ma jkunux jistgħu joħorġu.

Illi xehdet WPC 139 Chantelle Casha u ippreżentat erba' rapporti li għamlet ir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat, ippreżentat Dok CC1, Dok CC2, Dok CC3, Dok CC4, u tlett rapporti li saru mill-konvenut fir-rigward tal-attrici li huma Dok CC5, CC6 u CC7.

Illi WPC299 Roxanne Tabone xehdet u esebiet ħames rapporti magħmula mir-rikorrenti Dok RT1 sa RT5 u tlett rapporti magħmula mill-intimat.

Illi Brian Farrugia, in rappreżentanza tal-ADT xehed u esebixxa Dok RT6 sa RT8, fejn qal li l-intimat għandu żewġ vetturi reġistrati f'ismu BBP 802 Toyota Corolla u HAT 402 Fiat Tempra u vettura oħra ggaraxjata ADT bla number plates IAI 658 u r-rikorrenti għandha vettura rreġistrata f'isimha tal-marka EBF 542 Fiat Punto.

Illi P Q xehdet li hi miżżewġa u għaddejja minn proċess ta' separazzjoni. Qalet li kellha ħanut tal-underwear ġewwa l-Marsa fejn il-konvenut kien jaħdem ma' Attard &Co. L-intimat kien ħabib kbir ta' ħuha li kien Father Martin Micallef u kien ikellmu ħafna fuq il-problemi li kellu, kellha bżonn min jagħmlilha l-accounts u qabbdet lill-intimat igħinha f'dan għalkemm kienet taf li mhuwiex accountant, imma seta' jgħinha. Żiedet tgħid li l-intimat kien beda jagħmlilha l-accounts fl-2006, kienu xi drabi jieħdu kafè u bdiet toħroġ mal-hbieb tiegħu peress li hi diġà kienet separata *de facto* minn ma żewġha. Żiedet tgħid li fl-aħħar tas-sajf tal-2006, ir-relazzjoni bejnha u bejn l-intimat saret waħda intima u f'dak il-perjodu ta' żmien hu

kien għadu igħix mal-mara tiegħu, ma kienx jagħmel overnight stays għandha dak iż-żmien u beda biss jagħmel dan mill-2008 l'hawn.

Dwar ir-Responsabbilta għat-Tkissir taż-Żwieġ

Ir-rikorrenti tallega fir-rikors promotur tagħha, li l-konvenut huwa ħati għat-tkissir taż-żwieġ minħabba adulterju, abbandun, servizzi, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi. Min-naħa l-oħra, l-konvenut fil-kontro-talba, jinkolpa lir-rikorrenti għat-tkissir taż-żwieġ, għall-istess raġunijiet imsemmija mir-rikorrenti.

Dwar l-Adulterju:

L-artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi: "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."

Dwar l-Eċċessi , il-Moħqrija, il-Minaċċi u/jew l-Inġurji Gravi l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk: "Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax-iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment."

Illi fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs Edward Thompson[1], ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, servizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi ppruvata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Illi l-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-servizzi[2] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo

[1] Deciza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' Mejju 1925, u kkwotata fis-sentenza deciza minn din l-Onorabbloi Qorti diversament ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' ottubru 2003 (cit. Numru 1677/1995/RCP).

[2] Ara s-sentenza fl-ismijiet Antoienette Cauchi vs Alexander Cauchi, deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Raymond C. Pace fit-2 ta' ottubru 2003 (Cit. Numru 1677/1995/RCP).

Mifsud, deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala servizzi."

Illi fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Otte Cauchi vs Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz." Fis-sentenza,ġja ċċitata, Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud[3], ġie ritenut "l-inġurji gravi ma ġewx speċfikatament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."

Illi l-eċċessi gew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud: "eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjetà kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' periklu għall-ħajja tal-parti l-oħra."

Illi din il-Qorti, wara eżami akkurat tal-provi, u wara li eżaminat il-verżjonijiet tal-partijiet, osservat li l-adulterju da parti tal-intimat ġie ippruvat. Jingħad, fl-ewwel lok, li l-intimat ma opponiex għall-dak allegat fis-sens li hu kien beda relazzjoni ma' P Q waqt iż-żwieġ tiegħu. Għalhekk, dan il-fatt mhuwiex ikkontestat. Ix-xhud P Q fix-xiehda tagħha ikkonfermat li hi u l-intimat bdew relazzjoni intima fl-aħħar tas-Sajf tas-sena 2006, u kkonfermat li dak iż-żmien meta bdiet ir-relazzjoni intima tagħhom l-intimat kien għadu jorqod id-dar u ma kienx jagħmel overnight stays, u beda jagħmel l-overninght stays għandha mill-2008 'il quddiem. Għalhekk, jinsab ben ikkonfermat mill-assjem tal-provi li l-intimat kellu relazzjoni adultera waqt iż-żwieġ.

Illi fit-tieni lok, jista jingħad ukoll li l-intimat ma ħax ħsieb jindokra lil familtu finanzjarjament, sa mill-bidu taż-żwieġ u sa minn meta twieldu l-ulied u li kien hemm bżonn anke ta' spejjeż mediċi. Illi ir-rikorrenti, li kienet taħdem, u waqqfet sussegwentement minħabba l-impenn tat-tfal, kellha tibda żżomm l-istudenti fid-dar sabiex ikollha introjtu biex tkun tista tgħin finanzjarjament għall-ħtiġijiet tal-familja. Hija poġġiet l-interessi tal-ulied l-ewwel meta l-ulied kienu għadhom żgħar u kien hemm il-ħtieġa li tieħu ħsiebhom u tindukrahom. Min-naħa l-oħra, l-intimat, kien ibiddel ix-

[3] Vol.XLV C.ii.708.

xogħolijiet, ma kien xejn stabbli fil-ħajja lavorattiva tiegħu, kien għamel żmien ma jaħdimx, u kellu jkun hu r-rikorrenti L Pellegrin H li ingaġġah jaħdem  mal-kumpanija tal-familja Attard & Co. Dawn in-nuqqasijiet da parti tal-intimat ikomplu jitfgħu aktar dawl fuq il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ.

Illi inoltre`, jirriżulta li fil-ġlied u tilwim  regolari  ta' bejn il-kontendenti, kien hemm tgħajjir dispreġġjattiv da parti tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti, saħansitra quddiem in-nies u quddiem membri tal-familja u dan ġie korroborat mix-xiehda. Di piu, jiġi nnutat ukoll, li kien hemm diversi rapporti lill-Pulizija li l-partijiet għamlu fil-konfront ta' xulxin, kif jidher mill-atti esebiti. Iżda, jidher evidentement, li kien l-intimat li xi drabi waddab oġġetti u affarijiet fid-direzzjoni tar-rikorrenti u kien hemm inċident fejn l-intimat taha daqqa bl-ixkupa, u konsegwentement ikkawżalha tbenġila f'koxxitha. Fil-fatt, kien proprju in segwitu għal dan l-inċident li r-rikorrenti ddaħlet fix-xelter ta' l-Għabex f'Santa Venera, kif ikkonfermat mix-xhud Sonia Camilleri, in rappreżentanza tal-Aġenzija Appoġġ. Fil-fatt, Sonia Camilleri kkonfermat fix-xiehda tagħha li kienet hi li għamlet l-arranġamentii sabiex iddaħħal lir-rikorrenti flimkien mal-ulied fix-xelter in kwistjoni. Sussegwentement il-partijiet bdew jirrikorru għas-servizzi tal-Aġenzija Appoġġ, kemm għalihom u kemm għall-ulied, billi kien qed isir l-aċċess tal-missier fil-preżenza tal-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ għal perjodu ta' żmien. Konsegwentement, ir-rikorrenti kienet ippreżentat rikors datat 17 ta' Mejju 2007, fejn il-Qorti, permezz tad-digriet datat 13 ta' Ġunju 2007, iddeċidiet  li r-rikorrenti tkompli tgħix fid-dar matrimonjali flimkien mal-ulied u l-intimat kellu jivvaka mid-dar matrimonjali fi żmien għoxrin ġurnata.

Illi wara eżami tal- provi u tenut kont tal-provi miġjuba, il-Qorti tara li l-intimat kien ħati ta' adulterju, servizzi, eċċessi u inġurji gravi  fil-konfront ta' martu.  Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi din il-Qorti qed tattribwixxi l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ unikament fuq lill-intimat.

Għalhekk, in vista tas-suespost, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiċħad it-talbiet tal-intimat rikonvenzjonant.

<u>L-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-intimat.</u>

Illi huwa mandatarju illi l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili jiġi applikat fil-konfront ta' min għandu tort mill-partijiet, f'każ ta' abbandun jew ta' adulterju. Fir-rigward tal-motivi l-oħra ta' separazzjoni personali, il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jgħid hekk:

**"48. (1) Il-parti, ir-raġel, jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef:**
**(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[4];**
**(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;**
**(c) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;**
**(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.** "

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-ħtija tal-intimat. Illi fl-ewwel lok, l-adulterju da parti tal-intimat jinsab ippruvat. Di piu`, ġie ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li kien hemm diversi episodji ta' vjolenza, servizzi u inġurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti.

Adoperat dan ir-raġunament għall-każ in eżami, din il-Qorti hija konvinta mill-provi li għandha quddiemha l-azzjoni tar-rikorrenti hija ġustifikata u tara li l-intimat huwa ħati ta' adulterju, moħqrija, u inġurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti, kwindi tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tiċħad il-ħames talba tal-intimat rikonvenzjonant.

Konsegwentement, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tar-rikorrent l-effetti in toto tal-Artikoli 48 *et sequens* tal-Kodiċi Ċivili, fosthom li tiddikjara li bl-imġieba tiegħu, l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand ir-rikorrenti u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tar-rikorrenti.

## Kura, Kustodja u Manteniment

[4] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Illi jirriżulta li l-Perit Psikologa Carmen Sammut kienet ġiet maħtura mill-Qorti biex tagħmel ir-rapport tagħha wara li tevalwa s-sitwazzjoni, liema rapport jinsab esebit a fol 112 et seq tal-proċess, u a fol 147 et seq. Madankollu jirriżulta, li fil-mori tal-każ, l-ulied tal-kontendenti, D u E illum huma maġġorenni. D llum għandu 24 sena filwaqt li E għalkemm għandu 21 sena jaħdem u ma jistudjax. Dan il-fatt mhuwiex ikkontestat u jinsab ikkonfermat fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Għalhekk, il-kwistjoni tal-kura u kustodja llum tinsab sorvolata. Għaldaqstant, ladarba llum l-ulied huma maġġorenni, m'hemmx lok li l-Qorti tipprovdi dwar il-kura u kustodja. Tenut kont taċ-ċirkostanzi, fosthom li t-tifel iż-żgħir, E għandu 21 sena iżda ma jistudjax u jaħdem, m'hemmx lok ta' manteniment għaż-żewġt ulied.

Referibbilment għall-manteniment mitlub mir-rikorrenti għaliha fir-rikors promotur, u għall-manteniment mitlub mill-intimat fil-kontro-talba, m'hemmx lok għal manteniment għal ebda wieħed mill-kontendenti. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-partijiet għandhom l-potenzjal li jaħdmu u jipperċepixxu introjtu biżżejjed. M'hemm l-ebda impedimenti sabiex ikomplu jaħdmu u jaqilgħu l-għixien tagħhom. Għalhekk qegħda tiċħad it-talbiet b'referenza għall-għoti ta' manteniment lill-partijiet.

<u>Dwar it-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-akkwisti</u>

Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti sentenza, Il-Qorti qegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

L-istess komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

<u>Il-fond matrimonjali:</u>

Illi jirriżulta li l-fond matrimonjali 6 Meridien Court Reggie Miller street Gżira inxtara mill-partijiet. Ir-rikorrenti qed tikkontendi li sselfu LM12,000 ekwivalenti għal Ewro27, 952 mingħand il-ġenituri tagħha. Ir-rikorrenti sostniet ukoll li mid-data tal-preżentata tal-affidavit tagħha, d-dejn tal-Bank rigward dan il-fond kompla jitħallas minnha, u ċjoe` ir-rimanenti dejn fl-ammont ta' Ewro9424, kif jidher minn Dok LGX10 esebit mal-affidavit tagħha, biex b'hekk illum m'għadx hemm dejn pendenti mal-Bank.

Illi jirriżulta wkoll, skont ir-rapport magħmul f'Awissu 2019 mill-Perit Tekniku Godwin P.Abela, illi l-fond in kwistjoni ġie valutat fl-ammont ta' Ewro235,000.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, ġie sottomess, li sabiex takkwista in-nofs sehem tal-konvenut wara li jitnaqqas id-dejn li kompliet tħallas weħedha ta' Ewro9424, sa' mill-2009 sabiex takkwista sehem il-konvenut ir-rikorrenti trid tħallsu Ewro 94,100.

Min-naħa l-oħra, l-intimat fis-sottomissjonijiet tiegħu qed jikkontendi, li s-self li kien għad fadal x'jitħallas sad-9 ta' Mejju 2008 fuq dan il-fond fl-ammont ta' Ewro11,416.85, l-ammonti kienu baqgħu jinġibdu unikament mill-kont kurrenti f'isem l-intimat ossija minn Dok AG1 esebit. Għalhekk huwa jissottometti li r-rikorrenti għandha tiġi ordnata tħallas sehemha minn dawn il-pagamenti sakemm kien inħareġ digriet minn din il-Qorti li tali self għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi m'hu bl-ebda mod ikkontestat li l-ġenituri tar-rikorrenti kienu sellfu lill-partijiet l-ammont ta' LM12,000 ekwivalenti għal Ewro27,952 biex inxtara l-flat. Mix-xiehda ta' Audrey Ghigo jirriżulta li l-'homeloan' kien f'isem konġunt bejn il-partijiet. Illi s-self tal-fond sar waqt iż-żwieġ, u kif ikkonfermat Audrey Ghigo, in rappreżentanza tal-BOV, nofs is-self kien jitħallas minn Dok AG1 kont kurrenti f'isem l-Intimat. Dan kien self li sar matul iż-żwieġ meta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet viġenti. Iżda, r-rikorrenti ppruvat ukoll, li l-ammont ta' Ewro 9424 kien imħallas minnha biss, kif jidher minn Dok LX10 esebiet mal-affidavit tagħha. Madanakollu, una volta li kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet u l-ħlas sar fiż-żwieġ, dan l-ammont ma jistax jitnaqqas mir-rikorrenti a detriment tal-intimat. Għalhekk, irid jitnaqqas biss l-ammont ta' €27, 952 minn sehem l-intimat mill-valur attwali tal-imsemmi fond, u sehem l-intimat jiġi jammonta għal Ewro 89, 548. Tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, sabiex ir-rikorrenti tkompli tirrisjedi fl-imsemmi fond matrimonjali, hija għandha tħallas l-ammont ta' Ewro 89, 548 lill-intimat.

Għalhekk, fil-każ odjern, wara li l-intimat jiġi rifuż sehmu, d-dar matrimonjali ma tibqax tissejjah id-dar matrimonjali.

<u>Mobbli</u>

Ir-rikorrenti fid-dokument Dok LGX 14 anness mal-affidavit tagħha, indikat lista ta' oġġetti u mobbli li nxtraw waqt iż-żwieġ u lista oħra ta' oġġetti parafernali tar-rikorrenti. Matul l-andament tal-kawża, dan id-dokument ma ġiex kontradett mill-kontro-parti, u ċjoe` mill-intimat. Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent, sostna li wisq jibża li l-oġġetti u għamara kollha mixtrija matul iż-żwieġ inbiegħu mir-rikorrenti, matul il-proċeduri odjerni. Iżda, dan il-fatt kif sostnut mill-intimat fis-sottomissjonijiet tiegħu hija biss suppożizzjoni li mhijiex ippruvata. Għalhekk, din il-Qorti ser tibbaża l-konklużjoni tagħha fuq dak indikat fid-dokument Dok LGX 14. Illi wara li eżaminat il-lista ta' oġġetti elenkati, li ġew mixtrija fiż-żwieġ, ġie kkunsidrat li l-oġġetti mobbli jirrisalu għas-sena 2009 għalhekk, irid jiġi evalwat it-trapass ta' żmien fir-rigward tal-valuri hemmhekk indikati.

Wara eżami tal-lista ta' oġġetti u mobbli indikati li nxtraw waqt iż-żwieġ li jammontaw għal Ewro 6169.15, din il-Qorti hija tal-fehma li mat-trapass taż-żmien dawn l-oġġetti ma baqgħux tal-valur mixtri, għalhekk tenut kont tat-trapass taż-żmien, qed tistma l-ammont totali tal-mobbli u oġġetti mixtrija fiż-żwieġ fl-ammont ta' Ewro 2500 minflok Ewro 6169.15. Fid-dawl ta' dan, ir-rikorrenti għandha tagħti nofs l-ammont ta' Ewro2500 lill-intimat, ossija l-ammont ta' Ewro 1250.

Illi b'referenza għal-lista ta' oġġetti appartenenti lir-rikorrenti, kif indikat fl-istess dokument, dawn il-mobbli u l-oġġetti indikati a fol 624 tal-proċess huma proprjetà` parafernali tar-rikorrenti u għandhom jibqgħu jappartjenu lir-rikorrenti.

Fl-istess dokument, hemm indikat li l-oġġetti parafernali appartenenti lill-intimat huma żewġ oġġetti: "trolley in dining room" and "cupboard in bedroom". Dawn iż-żewġ oġġetti huma proprjetà` parafernali tal-intimat

<u>Depożiti bankarji</u>

Illi jirriżulta mill-provi prodotti, li r-rappreżentanti tal-Banek xehdu li kien hemm kont ta' self konġunt bejn il-partijiet għal xiri ta' vettura, fejn ġie indikat li kien hemm ammont li kien għadu dovut mir-rappreżentant tal-Bank. L-intimat fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna li dan id-dejn ġie saldat u m'għadx hemm pendenzi. Dan il-fatt ma jinsabx kontraddett mill-kontro-

parti. Għalhekk, il-kont konġunt bin-numru 027046424300 Dok AG5 għandu jingħalaq. Jirriżulta wkoll, mill-assjem tal-provi li l-'home loan' li kellhom il-partijiet ukoll ġie mħallas u m'għadx hemm pendenzi. Għalhekk, il-kont Home Loan numru 16058496 ukoll għandu jingħalaq.

Illi jirriżulta wkoll mix-xiehda tar-rappreżentant tal-Bank of Valletta li kien jeżisti kont konġunt bejn il-partijiet bin-numru 14906643010 li kien kont kurrenti, Dok JBC3. Illi jekk dan il-kont konġunt għad ma ngħalaqx, dan ukoll għandu jingħalaq.

Illi l-kontijiet l-oħra intestati f'isem il-partijiet għandhom jiġu assenjati lil kull wieħed mill-partijiet il-kontijiet/debiti intestati f'ismu/isimha.

Vetturi

Illi kif sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, il-vetturi indikati mir-rappreżentant tal-ADT m'għadhomx jeżistu stante t-trapass taż-żmien. Ir-rikorrenti wkoll semmiet li l-vettura Fiat Punto msemmija mill-istess rappreżentant tal-ADT m'għadhiex għandha u bigħietha għall-iscrap. Għalhekk, il-partijiet għandhom iżommu kwalunkwe vetturi li għandhom, reġistrati f'isimhom, li mhumiex dawn hawn fuq indikati, dejjem jekk hemm vetturi reġistrati f'isem il-partijiet illum.

DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bi ħtija attribwibbli lill-intimat għar-raġunijiet spjegati f'din is-sentenza.

2. Tiċħad it-tieni talba peress li llum iż-żewġ ulied huma maġġorenni.

3. Tiċħad it-tielet talba u tiddikjara li l-ulied huma maġġorenni u għalhekk l-ebda manteniment ma huwa dovut. Tiċħad ukoll it-talba għall-hlas ta' manteniment għar-rikorrenti.

4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fl-artikoli 48(1)(a)(b) u (d) tal-Kodiċi Ċivili.

5. Tilqa' l-ħames talba u tiddikjara xolta u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti. Referibbilment għad-dar matrimonjali, Flat 6 Meridian Court Triq Reggie Miller Gżira, din qed tiġi assenjata lir-rikorrenti b'esklużjoni tal-intimat ai termini tal-artikolu 55A(1) tal-Kodiċi Ċivili u 55A(3) bil-kundizzjoni li hija tħallas lill-intimat l-ammont ta' Ewro 89,548, kif indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.

6. Tiċħad is-sitt talba stante li m'hemm l-ebda prova li l-intimat għandu oġġetti parafernali tar-rikorrenti.

Kontro-talba

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba għall-pronunzja tas-separazzjoni, iżda l-ħtija għas-separazzjoni qed tiġi attribwita lill-intimat.

2. Tilqa' t-tieni talba u awtoriżża lill-intimat igħix separat mir-rikorrenti.

3. Tiċħad it-tielet talba stante li ż-żewġt ulied illum huma maġġorenni.

4. Tiċħad ir-raba' talba u tiddikjara li llum l-ulied huma maġġorenni għalhekk l-ebda manteniment ma huwa dovut. Tiċħad ukoll it-talba għall-ħlas ta' manteniment għall-intimat.

5. Tiċħad il-ħames talba dwar id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

6. Tilqa' limitatament is-sitt talba u tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.

7.Tilqa' s-seba' talba u tordna lir-rikorrenti tagħti ż-żewġ mobbli, proprjetà` parafernali tal-intimat indikati a fol 624 tal-proċess, jekk mhux diġà jinsabu għandu.

8. Tilqa' t-tmien talba u tawtorizza lill-intimat jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku is-sentenza odjerna.

L-ispejjeż jitħallsu mill-intimat.